I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tat-2 ta' Diċembru 2021**

**dwar qafas pan-Ewropew ta' koordinazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi sistemiċi għall-awtoritajiet rilevanti**

**(BERS/2021/17)**

(2022/C 134/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b) u (d) u l-Artikoli 16 u 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) Kif innotat fil-premessa 4 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2013/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([4]), l-għan aħħari tal-politika makroprudenzjali huwa li tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha, inkluż billi ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja u tnaqqas l-akkumulazzjoni ta' riskji sistemiċi, biex b'hekk tiżgura kontribut sostenibbli tas-sistema finanzjarja għat-tkabbir ekonomiku. Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) huwa responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni. Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, il-BERS għandu jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja, inklużi dawk relatati ma' inċidenti ċibernetiċi, u jipproponi kif dawn ir-riskji jistgħu jittaffew.

(2) Inċidenti ċibernetiċi kbar jistgħu joħolqu riskju sistemiku għas-sistema finanzjarja minħabba l-potenzjal tagħhom li jfixklu s-servizzi u l-operazzjonijiet finanzjarji kritiċi. L-amplifikazzjoni ta' xokk inizjali tista' sseħħ jew permezz ta' kontaġju operattiv jew finanzjarju jew permezz ta' erożjoni tal-fiduċja fis-sistema finanzjarja. Jekk is-sistema finanzjarja ma tkunx tista' tassorbi dawn ix-xokkijiet, l-istabbiltà finanzjarja tkun f'riskju u din is-sitwazzjoni tista' tirriżulta fi kriżi ċibernetika sistemika ([5]).

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
([4]) Rakkomandazzjoni BERS/2013/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-4 ta' April 2013 dwar l-għanijiet intermedji u l-istrumenti tal-politika makroprudenzjali (ĠU C 170, 15.6.2013, p. 1).
([5]) Ara *Systemic cyber risk* [Rapport tal-BERS dwar ir-Riskju Ċibernetiku Sistemiku] ta' Frar 2020, disponibbli fuq is-sit web tal-BERS fuq www.esrb.europa.eu.

(3) Ix-xenarju ta’ theddid ċibernetiku li qed jevolvi b’mod kostanti u ż-żieda reċenti ta’ inċidenti ċibernetiċi kbar huma indikaturi ta’ riskju akbar għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza tar-rwol li għandha t-teknoloġija biex tippermetti li s-sistema finanzjarja topera. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet rilevanti kellhom jadattaw l-infrastruttura teknika u l-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom għal żieda f’daqqa fix-xogħol minn distanza, li żiedet l-espożizzjoni ġenerali tas-sistema finanzjarja għat-theddid ċibernetiku u ppermettiet lill-kriminali kemm li ifasslu *modi operandi* ġodda kif ukoll li jadattaw dawk eżistenti biex jisfruttaw is-sitwazzjoni ([6]). F’dan l-isfond, l-għadd ta’ inċidenti ċibernetiċi rrapportati lis-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE fl-2020 żdied b’54% meta mqabbel mal-2019 ([7]).

(4) Inċident ċibernetiku kbir potenzjalment fuq skala kbira, veloċità u rata ta’ propagazzjoni jitolbu rispons effettiv mill-awtoritajiet rilevanti biex jittaffew l-effetti negattivi potenzjali fuq l-istabbiltà finanzjarja. Il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni rapidi fost l-awtoritajiet rilevanti fil-livell tal-Unjoni jistgħu jgħinu fil-valutazzjoni bikrija tal-impatt ta’ inċident ċibernetiku kbir fuq l-istabbiltà finanzjarja, iżommu l-fiduċja fis-sistema finanzjarja u jillimitaw il-kontaġju għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra u b’hekk jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta’ inċident ċibernetiku kbir milli jsir riskju għall-istabbiltà finanzjarja.

(5) Ix-xokk sottostanti joriġina b’mod ġdid meta mqabbel mal-kriżijiet finanzjarji u ta’ likwidità tradizzjonali li normalment jiffaċċjaw l-awtoritajiet rilevanti. Minbarra l-aspetti finanzjarji, il-valutazzjoni tar-riskju ġenerali trid tinkludi l-iskala u l-impatt tat-tfixkil operattiv peress li dawn jistgħu jinfluwenzaw l-għażla tal-għodod makroprudenzjali. Bl-istess mod, l-istabbiltà finanzjarja tista’ tinfluwenza wkoll l-għażla ta’ mitiganti operattivi minn esperti ċibernetiċi. Dan jeħtieġ koordinazzjoni mill-qrib u rapida u komunikazzjoni miftuħa biex, fost l-oħrajn, jinbena l-għarfien tas-sitwazzjoni.

(6) Ir-riskju ta’ nuqqas ta’ koordinazzjoni mill-awtoritajiet jeżisti u jeħtieġ li jiġi indirizzat. L-awtoritajiet rilevanti fl-Unjoni se jkollhom bżonn jikkoordinaw bejniethom u ma’ awtoritajiet oħra bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) li jista’ jkun li normalment ma jinteraġixxux magħha. Peress li għadd sinifikanti ta’ istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni joperaw globalment, inċident ċibernetiku kbir x’aktarx mhux se jkun limitat għall-Unjoni jew jista’ jiġi attivat barra mill-Unjoni u jista’ jirrikjedi koordinazzjoni tar-rispons globali.

(7) Jeħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jkunu ppreparati għal dawn l-interazzjonijiet. Inkella, jistgħu jirriskjaw li jieħdu azzjonijiet inkonsistenti li jikkontradixxu jew jipperikolaw ir-reazzjonijiet ta’ awtoritajiet oħra. Falliment fil-koordinazzjoni bħal dan jista’ jamplifika x-xokk għas-sistema finanzjarja billi jwassal għal erożjoni tal-fiduċja fil-funzjonament tas-sistema finanzjarja li, fl-agħar xenarju possibbli, tkun ta’ riskju għall-istabbiltà finanzjarja ([8]). Għalhekk, jenħtieġ li jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju għall-istabbiltà finanzjarja li jirriżulta minn falliment ta’ koordinazzjoni fil-każ ta’ inċident ċibernetiku kbir.

(8) Ir-rapport tal-BERS (2021) “*Mitigating systemic cyber risk*” ([9]) jidentifika l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas pan-Ewropew ta’ koordinazzjoni ta’ inċidenti ċibernetiċi sistemiċi (EU-SCICF) għall-awtoritajiet rilevanti fl-Unjoni. L-għan tal-EU-SCICF ikun li jiżdied il-livell ta’ thejjija tal-awtoritajiet rilevanti biex jiġi ffaċilitat rispons ikkoordinat għal inċident ċibernetiku potenzjalment kbir. Ir-rapport tal-BERS (2021) “*Mitigating systemic cyber risk*” jipprovdi l-valutazzjoni tal-BERS dwar il-karatteristiċi tal-qafas li jkunu meħtieġa, prima facie, sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta’ falliment tal-koordinazzjoni.

(9) L-għan ewlieni ta’ din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tibni fuq wieħed mir-rwoli previsti tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) skont il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju ([10]) (iktar ’il quddiem “DORA”) li gradwalment tippermetti rispons ikkoordinat effettiv fil-livell tal-Unjoni fil-każ ta’ inċident transfruntier kbir relatat mat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jew theddida relatata li jkollha impatt sistemiku fuq is-settur finanzjarju tal-Unjoni kollu kemm hu. Dan il-proċess se jwassal għall-ħolqien tal-EU-SCICF għall-awtoritajiet rilevanti.

([6]) Ara *Internet Organised Crime Threat Assessment, Europol,* [Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet] 2020, disponibbli fuq is-sit web tal-Europol fuq www.europol.europa.eu

([7]) Ara *IT and cyber risk: a constant challenge,* [IT u r-riskju ċibernetiku: sfida kostanti] BĊE, 2021,disponibbli fuq is-sit web tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE fuq www.bankingsupervision.europa.eu.

([8]) Ara *Systemic cyber risk* [Riskju Ċibernetiku Sistemiku] BERS ta’ Frar 2020, disponibbli fuq is-sit web tal-BERS fuq www.esrb.europa.eu.

([9]) Ara *Mitigating systemic cyber risk* 2021 [Taffija tar-riskju ċibernetiku sistemiku] (ġej dalwaqt)

([10]) COM(2020) 595 finali.

(10) Jenħtieġ li l-EU-SCICF ma jkollux l-għan li jissostitwixxi l-oqfsa eżistenti iżda li jnaqqas kwalunkwe lakuna ta' koordinazzjoni u komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti nnifishom u ma' awtoritajiet oħra fl-Unjoni u atturi ewlenin oħra fil-livell internazzjonali. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-ippożizzjonar tal-EU-SCICF fil-qafas eżistenti għall-kriżijiet finanzjarji u x-xenarju tal-qafas tal-inċidenti ċibernetiċi tal-Unjoni. Fir-rigward tal-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti nnifishom, jenħtieġ li jitqiesu, iżda mhux biss, ir-rwoli u l-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni (NIS) għall-entitajiet finanzjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni previsti permezz tal-istabbiliment ta` Ċiberunità Konġunta flimkien mal-involviment tal-ENISA.

(11) B'mod partikolari, il-proposta biex titnieda t-tħejjija tal-EU-SCICF għandha l-għan li tapprova r-rwoli potenzjali tal-ASE, kif previst mill-proposta DORA. DORA tipproponi li l-"ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, il-BĊE u l-BERS, jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi li jippermettu l-kondiviżjoni ta' prattiki effettivi fis-setturi finanzjarji biex itejbu s-sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni u jidentifikaw vulnerabbiltajiet u riskji ċibernetiċi komuni fis-setturi kollha" u "jistgħu jiżviluppaw eżerċizzji ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ta' kontinġenza li jinvolvu xenarji ta' attakki ċibernetiċi bl-għan li jiżviluppaw mezzi ta' komunikazzjoni u gradwalment jippermettu rispons ikkoordinat effettiv fil-livell tal-UE fil-każ ta' inċident transfruntier kbir relatat mal-ICT jew theddida relatata li jkollha impatt sistemiku fuq is-settur finanzjarju tal-Unjoni b'mod ġenerali" ([12]). Qafas pan-Ewropew bħall-EU-SCICF għadu ma jeżistix u għandu jiġi stabbilit u żviluppat fil-kuntest tad-DORA.

(12) Minħabba r-riskju għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni li jirriżulta mir-riskju ċibernetiku, jenħtieġ li l-ħidma preparatorja għall-istabbiliment gradwali tal-EU-SCICF, sa fejn ikun fattibbli, tibda anki qabel ma l-qafas legali u ta' politika meħtieġ għall-istabbiliment tiegħu jkun applikabbli bis-sħiħ. Dan il-qafas legali u ta' politika jitlesta kompletament u jiġi ffinalizzat ladarba d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-DORA u tal-atti delegati tiegħu jsiru applikabbli.

(13) Il-Komunikazzjoni effettiva tikkontribwixxi għall-għarfien tas-sitwazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti u għalhekk hija prerekwiżit indispensabbli għall-koordinazzjoni fl-Unjoni kollha matul inċidenti ċibernetiċi kbar. F'dan ir-rigward, għandha tiġi ddefinita l-infrastruttura ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-koordinazzjoni dwar rispons għal inċident ċibernetiku kbir. Dan jimplika li jiġi speċifikat it-tip ta' informazzjoni li jeħtieġ li tiġi kondiviża, il-kanali regolari li għandhom jintużaw għall-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni u l-punti ta' kuntatt li magħhom għandha tiġi kondiviża l-informazzjoni. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha tirrispetta r-rekwiżiti legali eżistenti. Barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ li jiġu ddefiniti pjan ta' azzjoni ċar u l-protokolli li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet rilevanti biex tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa fost l-awtoritajiet involuti fl-ippjanar ta' rispons ikkoordinat għal inċident ċibernetiku kbir.

(14) Kriżi ċibernetika sistemika tkun teħtieġ il-bidu ta' kooperazzjoni sħiħa fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Għalhekk, il-ħatra ta' punti ta' kuntatt għall-ASE, il-BĊE u kull Stat Membru minn fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tiegħu, li għandhom jiġu kkomunikati lill-ASE, tista' tiġi prevista biex jiġu stabbiliti l-interlokuturi ewlenin fl-iskema ta' koordinazzjoni tal-EU-SCICF li għandhom jiġu infurmati f'każ ta' inċident ċibernetiku kbir. Il-ħtieġa li jiġu indikati punti ta' kuntatt hemm bżonn li tiġi vvalutata matul l-iżvilupp tal-EU-SCICF, filwaqt li jitqies il-punt uniku ta' kuntatt maħtur skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 li l-Istati Membri stabbilixxew dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transfruntiera ma' Stati Membri oħra u mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS ([13]).

(15) It-twettiq ta' eżerċizzji ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ta' kontinġenza jista' jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-EU-SCICF u jippermetti lill-awtoritajiet jevalwaw l-istat ta' tħejjija u l-preparazzjoni tagħhom għal kriżi ċibernetika sistemika fil-livell tal-Unjoni. Eżerċizzji bħal dawn jipprovdu lill-awtoritajiet bit-tagħlimiet meħuda u jippermettu titjib u evoluzzjoni kontinwi tal-EU-SCICF.

---

([11]) Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

([12]) Ara l-abbozz tal-Artikolu 43 tal-proposta għal DORA.

([13]) Ara l-Kummissjoni Ewropea, Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea fuq ec.europa.eu.

(16) Għall-iżvilupp tal-EU-SCICF huwa essenzjali li l-ASE jwettqu b'mod konġunt il-ħidma preparatorja rilevanti biex jikkunsidraw l-elementi ewlenin potenzjali tal-qafas u r-riżorsi meħtieġa u bżonnijiet sabiex jipproċedu bl-iżvilupp tiegħu. Wara dan, l-ASE jistgħu jibdew jaħdmu fuq analiżi preliminari ta' kwalunkwe impediment li jista' jfixkel lill-ASE u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet rilevanti li jistabbilixxu l-EU-SCICF u li jikkondividu l-informazzjoni rilevanti permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni f'każ ta' inċident ċibernetiku kbir. Tali analiżi tkun pass importanti sabiex tinforma kwalunkwe azzjoni ulterjuri, kemm ta' natura leġiżlattiva jewinkella inizjattivi oħra ta' appoġġ li l-Kummissjoni Ewropea tista' tieħu fl-istadju ta' implimentazzjoni ta' wara d-DORA,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**

## Rakkomandazzjoni A — Stabbiliment ta' qafas pan-Ewropew ta' koordinazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi sistemiċi (EU-SCICF)

1. Huwa rrakkomandat li, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (iktar 'il quddiem "DORA"), l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), b'mod konġunt permezz tal-Kumitat Konġunt, u flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, jibdew iħejju għall-iżvilupp gradwali ta' rispons ikkoordinat effettiv fil-livell tal-Unjoni fil-każ ta' inċident ċibernetiku kbir transfruntier jew theddida relatata li jista' jkollha impatt sistemiku fuq is-settur finanzjarju tal-Unjoni. Il-ħidma preparatorja lejn rispons ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tinvolvi l-iżvilupp gradwali tal-EU-SCICF għall-ASE, il-BĊE, il-BERS u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Dan għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tar-rekwiżiti tar-riżorsi għall-iżvilupp effettiv tal-EU-SCICF.

2. Huwa rrakkomandat li l-ASE jwettqu, fid-dawl tas-sub-Rakkomandazzjoni A(1), f'konsultazzjoni mal-BĊE u l-BERS, immappjar u analiżi sussegwenti tal-impedimenti attwali, ostakli legali u operattivi oħra għall-iżvilupp effettiv tal-EU-SCICF.

## Rakkomandazzjoni B — Stabbiliment ta' punti ta' kuntatt tal-EU-SCICF

Huwa rrakkomandat li l-ASE, il-BĊE u kull Stat Membru fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tagħhom għandhom jaħtru punt ta' kuntatt ewlieni li għandu jiġi kkomunikat lill-ASE. Din il-lista ta' kuntatt se tiffaċilita l-iżvilupp tal-qafas u, ladarba l-EU-SCICF jkun fis-seħħ, il-punti ta' kuntatt u l-BERS għandhom jiġu infurmati f'każ ta' inċident ċibernetiku kbir. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll koordinazzjoni bejn l-EU-SCICF u l-punt uniku ta' kuntatt maħtur skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 li l-Istati Membri stabbilixxew dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transfruntiera ma' Stati Membri oħra u mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni.

## Rakkomandazzjoni C — Miżuri xierqa fil-livell tal-Unjoni

Huwa rrakkomandat li, abbażi tar-riżultat tal-analiżijiet imwettqa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni A, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-miżuri xierqa meħtieġa biex tiżgura koordinazzjoni effettiva tar-reazzjonijiet għal inċidenti ċibernetiċi sistemiċi.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

## 1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ċibernetika" tfisser relatata ma', fi ħdan, jew permezz ta' infrastruttura tal-informazzjoni interkonnessa ta' interazzjonijiet fost il-persuni, il-proċessi, id-*data*, u s-sistemi tal-informazzjoni ([14]);

([14]) Ara *Cyber Lexicon, FSB*, 12 ta' Novembru 2018, disponibbli fuq is-sit web tal-FSB fuq www.fsb.org.

(b) "inċident ċibernetiku kbir" tfisser inċident relatat mal-ICT b'impatt negattiv potenzjalment għoli fuq in-network u s-sistemi tal-informazzjoni li jappoġġaw il-funzjonijiet kritiċi tal-entitajiet finanzjarji ([15]);

(c) "kriżi ċibernetika sistemika" tfisser inċident ċibernetiku kbir li jikkawża livell ta' tfixkil fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni li potenzjalment iwassal għal konsegwenzi negattivi serji għat-tħaddim bla xkiel tas-suq intern u għall-funzjonament tal-ekonomija reali. Kriżi bħal din tista' tirriżulta minn inċident ċibernetiku kbir li jikkawża xokkijiet f'għadd ta' kanali, inklużi operattivi, ta' fiduċja u finanzjarji;

(d) "Awtoritajiet Superviżorji Ewropej" jew l-"ASE" tfisser l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), flimkien mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tal-Impjieg) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill ([18]);

(e) "Kumitat Konġunt" tfisser il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej stabbilit fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(f) "awtorità nazzjonali rilevanti" tfisser:

1. awtorità kompetenti jew superviżorja fi Stat Membru kif speċifikat fl-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u kwalunkwe awtorità kompetenti nazzjonali oħra kif speċifikat fl-atti tal-Unjoni li jikkonferixxu kompiti lill-ASE;

2. awtorità kompetenti fi Stat Membru maħtura skont:

i. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]), mingħajr preġudizzju għall-kompiti speċifiċi kkonferiti lill-BĊE bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([20]);

ii. Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) Nru 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]);

iii. Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) Nru 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]);

iv. Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) Nru 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]);

([15]) Ara l-punt (7) tal-abbozz tal-Artikolu 3 tal-proposta għal DORA.

([16]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([17]) Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([18]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([19]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([20]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

([21]) Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

([22]) Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

([23]) Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

v. l-ewwel inċiż tal-punt (ee) tal-Artikolu 3(1) tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 ([24]);

vi. Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]);

vii. Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]);

viii. Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]);

ix. Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012:

x. Artikolu 44 tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]);

xi. Artikolu 97 tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]);

xii. Artikolu 30 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]);

xiii. Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) Nru 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]);

xiv. Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) Nru 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]);

xv. Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33]);

xvi. Artikolu 3(2) u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]);

xvii. Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([35]);

xviii. Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]);

---

([24]) COM(2020) 593 final.

([25]) Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014. p. 1).

([26]) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([27]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([28]) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p.1).

([29]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([30]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([31]) Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19).

([32]) Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p.37).

([33]) Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p.1).

([34]) Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

([35]) Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29 ta' Ġunju 2016, p. 1).

([36]) Ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1).

3. awtorità fdata bl-adozzjoni u/jew l-attivazzjoni ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali jew b'kompiti oħra tal-istabbiltà finanzjarja, bħal analiżi ta' appoġġ relatata, inkluż iżda mhux limitat għal:

   i. awtorità maħtura skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 458(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ([37]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

   ii. awtorità makroprudenzjali bl-għanijiet, l-arranġamenti, il-kompiti, is-setgħat, l-istrumenti, ir-rekwiżiti ta' kontabbiltà u karatteristiċi oħrajn stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni BERS/2011/3 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([38]).

(g) "awtorità rilevanti" tfisser:

1. ESA;

2. il-BĊE għall-kompiti kkonferiti lilu skont l-Artikoli 4(1) u (2) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;

3. awtorità nazzjonali rilevanti.

## 2. **Kriterji għall-implimentazzjoni**

Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) għandu jitqies b'mod xieraq il-prinċipju tal-ħtieġa ta' tagħrif u l-prinċipju ta' proporzjonalità, filwaqt illi jitqies l-għan u l-kontenut ta' kull Rakkomandazzjoni;

(b) għandhom jiġu ssodisfatti l-kriterji speċifiċi ta' konformità stabbiliti fl-Anness fir-rigward ta' kull Rakkomandazzjoni.

## 3. **Skeda ta' żmien għas-segwitu**

Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, id-destinatarji jridu jikkomunikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS, l-azzjonijiet li jkunu ħadu b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni jew jissostanzjaw kull nuqqas ta' azzjoni. Id-destinatarji huma mitluba jissottomettu tali komunikazzjoni f'konformità mal-iskedi ta' żmien li ġejjin:

1. Rakkomandazzjoni A

   (a) Sat-30 ta' Ġunju 2023 iżda mhux aktar kmieni minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, l-ASE huma mitluba jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS rapport interim dwar l-implimentazzjoni tas-sotto-Rakkomandazzjoni A(1).

   (b) Sat-30 ta' Ġunju 2024 iżda mhux aktar kmieni minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, l-ASE huma mitluba jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS rapport finali dwar l-implimentazzjoni tas-sotto-Rakkomandazzjoni A(1).

   (c) Sat-30 ta' Ġunju 2025 iżda mhux aktar kmieni minn 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, l-ASE huma mitluba jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS rapport dwar l-implimentazzjoni tas-sotto-Rakkomandazzjoni A(2).

2. Rakkomandazzjoni B

   Sat-30 ta' Ġunju 2023 iżda mhux aktar kmieni minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, l-ASE, il-BĊE u l-Istati Membri huma mitluba jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni B.

3. Rakkomandazzjoni C

   (a) Sal-31 ta' Diċembru 2023 iżda mhux aktar kmieni minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-BERS rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C fid-dawl tar-rapport interim tal-ASE f'konformità mas-sotto-Rakkomandazzjoni A(1).

---

([37]) Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar irrekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda rRegolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L176, 27.6.2013, p. 1).

([38]) Rakkomandazzjoni BERS/2011/3 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali (ĠU C 41, 14.2.2012, p. 1).

(b) Sal-31 ta' Diċembru 2025 iżda mhux aktar kmieni minn 36-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-BERS rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C fid-dawl tar-rapporti tal-ASE f'konformità mar-Rakkomandazzjoni A.

4. **Monitoraġġ u valutazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS għandu:

(a) jassisti lid-destinatarji, billi jiżgura l-koordinazzjoni tar-rapportar u l-forniment tal-mudelli relevanti, u jagħti dettalji fejn meħtieġ dwar il-proċedura u l-iskeda ta' żmien għas-segwitu;

(b) jivverifika s-segwitu mid-destinatarji, jipprovdi assistenza fuq talba tagħhom, u jissottimetti rapporti ta' segwitu lil-Bord Ġenerali. Il-valutazzjonijiet ser jinbdew kif ġej:

(i) fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A u B;

(ii) fi żmien 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C;

(iii) fi żmien 24-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A;

(iv) fi żmien 36-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A;

(v) fi żmien 42 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-DORA, rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni C;

2. Il-Bord Ġenerali għandu jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet ikkomunikati mid-destinatarji u, fejn xieraq, jista' jiddeċiedi li din ir-Rakkomandazzjoni ma ġietx segwita u li destinatarju naqas milli jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għan-nuqqas ta' azzjoni tiegħu.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Diċembru 2021.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*F'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

*ANNESS*

**SPEĊIFIKAZZJONI TAL-KRITERJI TA' KONFORMITÀ APPLIKABBLI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET**

**Rakkomandazzjoni A — Stabbiliment ta' qafas pan-Ewropew ta' koordinazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi sistemiċi (EU-SCICF)**

Għas-sotto-Rakkomandazzjoni A(1), qegħdin jiġu speċifikati l-kriterji ta' konformità li ġejjin.

1. Fit-tħejjija għal rispons ikkoordinat effettiv fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li jinvolvi l-iżvilupp gradwali tal-EU-SCICF billi jeżerċita s-setgħa prevista fir-Regolament futur tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (iktar 'il quddiem "DORA"), l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), li jaġixxu permezz tal-Kumitat Konġunt, u flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni u l-Kummissjoni fejn jitqies meħtieġ, għandhom jikkunsidraw l-inklużjoni fit-tħejjija prevista għall-EU-SCICF mill-inqas l-aspetti li ġejjin:

   a. l-analiżi tar-rekwiżiti tar-riżorsi għall-iżvilupp effettiv tal-EU-SCICF;

   b. l-iżvilupp ta' eżerċizzji ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ta' kontinġenza li jinvolvu xenarji ta' attakki ċibernetiċi bil-ħsieb li jiġu żviluppati kanali ta' komunikazzjoni;

   c. l-iżvilupp ta' vokabularju komuni;

   d. l-iżvilupp ta' klassifikazzjoni koerenti tal-inċidenti ċibernetiċi;

   e. l-istabbiliment ta' kanali siguri u affidabbli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inklużi sistemi ta' riżerva;

   f. l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt;

   g. tiġi indirizzata l-kunfidenzjalità fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni;

   h. l-inizjattivi ta' kollaborazzjoni u kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-intelligence ċibernetika tas-settur finanzjarju;

   i. l-iżvilupp ta' proċessi effettivi ta' attivazzjoni u eskalazzjoni permezz tal-għarfien tas-sitwazzjoni;

   j. il-kjarifika tar-responsabbiltajiet tal-parteċipanti fil-qafas;

   k. l-iżvilupp ta' interfaċċi għal koordinazzjoni transsettorjali u, fejn rilevanti, ta' pajjiżi terzi;

   l. l-iżgurar ta' komunikazzjoni koerenti mill-awtoritajiet rilevanti mal-pubbliku biex tinżamm il-fiduċja;

   m. l-istabbiliment ta' linji ta' komunikazzjoni definiti minn qabel għal komunikazzjoni f'waqtha;

   n. it-twettiq ta' eżerċizzji xierqa ta' ttestjar ta' qafas, inkluż ittestjar transġurisdizzjonali u koordinazzjoni ta' pajjiżi terzi, u valutazzjonijiet li jirriżultaw f'tagħlimiet meħuda u evoluzzjoni tal-qafas;

   o. l-iżgurar ta' komunikazzjoni effettiva u kontromiżuri kontra d-diżinformazzjoni.

**Rakkomandazzjoni B — Stabbiliment ta' punti ta' kuntatt tal-EU-SCICF**

Għal Rakkomandazzjoni B, qegħdin jiġu ddefiniti l-kriterji ta' konformità li ġejjin.

1. L-ASE, il-BĊE u kull Stat Membru fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tagħhom jenħtieġ li jaqblu dwar approċċ komuni għall-kondiviżjoni u ż-żamma aġġornata tal-lista tal-punti ta' kuntatt maħtura tal-EU-SCICF.

2. Il-ħatra tal-punt ta' kuntatt għandu jiġi vvalutat wara li jitqies il-punt uniku ta' kuntatt maħtur skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 li l-Istati Membri stabbilixxew dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transfruntiera ma' Stati Membri oħra u mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni.

**Rakkomandazzjoni C — Bidliet fil-qafas legali tal-Unjoni**

Għar-Rakkomandazzjoni C, qegħdin jiġu ddefiniti l-kriterji ta' konformità li ġejjin.

Jeħtieġ li l-Kummissjoni li tikkunsidra jekk hemmx bżonn ċerti miżuri, inklużi bidliet fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, bħala riżultat tal-analiżi mwettqa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni A biex jiġi żgurat li l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt u flimkien mal-BĊE, il-BERS u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, ikunux jistgħu jiżviluppaw l-EU-SCICF f'konformità mas-sotto-Rakkomandazzjoni A(1) u biex jiġi żgurat li l-ASE, il-BĊE, il-BERS u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, kif ukoll awtoritajiet oħra jkunux jistgħu jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet ta' koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni li tkun iddettaljata u konsistenti biżżejjed biex tappoġġa EU-SCICF effettiv.